# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 19**

**Rikors numru 334/06 AF**

**Sergio Manche**

**v.**

**Tony Cassar**

**PRELIMINARI:**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-attur Sergio Manche mis-sentenza tad-19 ta' Frar 2014 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat u tilqa' t-talbiet tiegħu, bl-imgħaxijiet kif mitluba minnu, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ir-rikors guramentat ta' Sergio Manche, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

"<u>Dikjarazzjoni ta' Fatti</u>

"Huwa kien ibiegh u jikkonsenja merca (generalment *white goods*) bl-ingrossa lill-konvenut li min-naha tieghu kien ihallas permezz ta' pagamenti akkont.

"Il-pagamenti mill-konvenut lill-attur kienu jsiru jew b'cekkijiet jew bi flus kontanti li l-konvenut kien jibghat permezz ta' neputih Kevin Buhagiar.

"Kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok. SM1, l-ahhar pagament maghmul mill-konvenut jirrisali ghat-22 ta' Lulju 2005 u b'dan il-pagament, il-bilanc dovut mill-konvenut lill-attur sar hdax-il elf u hamsa u tmenin liri Maltin (Lm11,085).

"Pero', minn dakinhar 'il quddiem, l-istess konvenut ma effettwa ebda pagament iehor u dan nonostante li gie anke interpellat b'ittra legali datata 4 ta' Novembru 2005.

"Minhabba f'hekk, l-esponent kellu jipprezenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-4 ta' April 2006 u l-kawza odjerna.

"<u>Raguni tat-Talba</u>

"L-attur kien ibiegh u jikkonsenja merca (generalment *white goods*) bl-ingrossa lill-konvenut li min-naha tieghu kien ihallas ghall-istess permezz ta' pagamenti akkont.

"Kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok. SM1, l-ahhar pagament maghmul mill-konvenut jirrisali ghat-22 ta' Lulju 2005 u b'dan il-pagament, il-bilanc dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta' hdax-il elf u hamsa u tmenin liri Maltin (Lm11,085).

"Minkejja li l-konvenut gie interpellat ihallas l-imsemmi bilanc, huwa baqa' inadempjenti.

"Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"Tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf u hamsa u tmenin liri Maltin (Lm11,085) rapprezentanti l-bilanc li ghadu dovut lill-attur kif fuq spjegat.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 4 ta' Novembru 2005 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontra l-konvenut fl-4 ta' April 2006 u bl-imghax kummercjali fuq l-istess bilanc mit-22 ta' Lulju 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

"Rat id-dokumenti annessi.

"Rat it-twegiba guramentata ta' Tony Cassar, li in forza taghha eccepixxa illi:

"It-talba attrici/rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez stante illi mhux minnu dak allegat mill-istess rikorrenti. Fil-fatt, ir-rikorrenti, assumendo biss ghall-argument li wiehed ghandu jitlaq, kif ghamel hu, minn bazi ta' Lm14,585, u jiehu s-seba' pagamenti ta' Lm500 l-wiehed ghandu jasal ghall-konkluzjoni kompletament differenti ghax ir-rikorrenti naqas li jiehu in konsiderazzjoni pagamenti li ghamel l-esponenti lill-istess rikorrenti ta' Lm2,000 fil-21 ta' Novembru 1995, Lm5,000 fl-1 ta' April 1997, Lm3,000 fit-30 ta' Settembru 1998 – kollha maghmula permezz ta' cekkijiet debitament imsarrfa, kif ukoll fi flus kontanti u debitament konfermati b'ricevuti ta' Lm58.37 fid-9 ta' Ottubru 1995, Lm1,124.50 fl-24 ta' Frar 1996, Lm9,000 fit-28 ta' Frar 1997 u Lm9,250.33 fit-3 ta' Marzu 1998. Minn dan isegwi illi mhux biss ir-rikorrenti ma ghandux jiehu minghand l-esponenti, izda li dan huwa kreditur tieghu u ghalhekk fil-konfront tal-istess rikorrenti/attur, l-esponenti qieghed izomm fermi d-drittijiet tieghu ghall-pagament tal-istess.

"Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Semghet xhieda viva voce.

"Rat id-dokumenti pprezentati.

"Rat li, ghalkemm moghti l-fakulta' li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub, l-attur naqas milli jaghmel dan.

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

"Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, Sergio Manche qed jitlob lil Tony Cassar jigi kkundannat ihallsu bilanc ta' Lm11,085 li l-istess Manche jsostni li Cassar ghad ghandu jaghtih wara li temmew negozju li kellhom bejniethom.

"Jirrizulta illi l-partijiet kienu ftehmu bejniethom biex iwettqu negozju li permezz tieghu, Sergio Manche kellu jimporta "household goods" li mbaghad kellhom jinbieghu minn Tony Cassar. Meta ddecidew li

jitterminaw ir-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom, huma ma qablux dwar il-bilanc li seta' kien hemm pendenti fil-kontijiet. Jirrizulta illi tul il-pendenza tan-negozju, Tony Cassar kien jeffettwa pagamenti regolarment, gieli permezz ta' cheques, gieli permezz ta' flus kontanti.

"Il-partijiet jaqblu li l-valur totali tal-merkanzija kien ta' Lm96,551. Jaqblu wkoll illi mill-merkanzija importata, Sergio Manche kien ha ghall-bejgh fil-hanut tieghu b'kemm jiswew Lm14,802 u gew ritornati lilu wkoll oggetti fil-valur ta' Lm21,032. Id-dokumenti mizmuma miz-zewg partijiet fil-kawza u esebiti in atti jikkonfermaw dan.

"Il-konvenut irnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li huwa effettivament hallas ammont globali ta' Lm72,065.20. Il-Qorti fliet bir-reqqa kull ricevuta li pprezenta l-konvenut u tasal ghall-konkluzjoni li Sergio Manche m'gahndux ragun meta jsostni li fadallu bilanc x'jircievi. Anzi, l-istess rikorrenti kkonferma, meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti, illi l-kitba u l-firem fuq l-istess ircevuti kienu tieghu.

"Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat Tony Cassar, tichad it-talbiet ta' Sergio Manche.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Sergio Manche".

**RIKORS TAL-APPELL tal-attur Sergio Manche (10.03.2014):**

3. L-attur ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

4. **L-aggravju tiegħu** huwa bbażat fuq il-valutazzjoni allegatament erronja tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti, li konsegwentement wasslitha għad-deċiżjoni li tiċħad it-talbiet tiegħu. Huwa jispjega l-pretenzjoni tiegħu dwar l-ammont ta' **Lm11,085** hekk:

- Jaċċenna għal-ewwel paġna tad-Dokument SM1, dokument esebit minnu stess mar-rikors ġuramentat, fejn fil-parti ta' fuq (li inkitbet mill-konvenut u hija intestata "*Checks paid to Sergio*") hemm indikat li

tħallset is-somma ta' Lm51,132 permezz ta' ċekkijiet; filwaqt li fil-parti t'isfel (li inkitbet minn Kevin Buhagiar, in-neputi tal-konvenut) hemm indikat li wara l-ħlas ta' Lm51,132 jifdal bilanċ ta' Lm9,585.

- Isostni li mix-xhieda ta' Kevin Buhagiar joħroġ ċar li l-parti ta' fuq ta' Dok SM1 inkitbet mill-konvenut meta bagħat lil Kevin Buhagiar biex jagħmel verifika miegħu (l-attur) dwar il-kontijiet ta' bejniethom għall-ħabta ta' nofs is-sena 2002. Jargumenta li ladarba l-iskop tal-laqgħa kienet sabiex isiru l-konteġġi li kien hemm bejnu u bejn il-konvenut, mela allura l-lista tal-pagamenti li elenka l-konvenut suppost tindika l-pagamenti kollha li kienu saru sa dakinhar (indikati li saru permezz ta' ċekkijiet).

- Jargumenta li dan id-dokument iwaqqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut li kien għamel diversi pagamenti ta' eluf ta' liri tant li ġie li huwa hu (il-konvenut) li huwa kreditur tiegħu u mhux vice versa.

- Jargumenta wkoll li l-konvenut tant aċċetta li kien debitur tiegħu li għal tliet snin sħaħ (bejn Ottubru 2002 u Lulju 2005) bagħat lil neputih Kevin Buhagiar b'seba' pagamenti akkont ta' Lm500 il-wieħed, elenkati fit-tieni paġna tad-Dok SM1.

- L-attur qed jaqbel mal-lista ta' ħlasijiet permezz ta' ċekkijiet li huma elenkati fl-ewwel parti tal-ewwel paġna ta' Dok SM1 ħlief għaċ-ċekk ta' Lm5000 (nru 106/ HSBC/ datat 09/01/1997) peress li jsostni li

dan qatt ma wasal għandu jew issarraf minnu. Għalhekk isostni li l-ħlasijiet li saru permezz ta' ċekkijiet fil-fatt jammontaw għal Lm46,132 u mhux Lm51,132, u konsegwentement il-bilanċ f'nofs is-sena 2002 kien ta' Lm14,585 u mhux Lm9,585, kif indikat fil-parti t'isfel minn Kevin Buhagiar. Ikompli jispjega li minn dan l-ammont ta' Lm14,585, meta wieħed inaqqas is-seba' pagamenti ta' Lm500 il-wieħed li saru bejn Ottubru 2005 u Lulju 2005 il-bilanċ li jifdal jiġi li huwa ta' **Lm11,085** kif mitlub minnu permezz ta' dawn il-proċeduri odjerni.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenut Tony Cassar (21.08.2014):</u>**

5. Il-konvenut appellat wieġeb biex jgħid li l-apprezzament tal-ewwel Qorti m'għandux jiġi disturbat, u li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant. Dwar l-ilmenti tal-attur appellant jgħid hekk:

- Isostni li l-pagamenti li saru minnu saru b'żewġ modi: <u>mhux biss b'ċekkijiet, iżda ukoll tramite flus kontanti</u>. Jargumenta (b'referenza għall-parti ta' fuq tal-ewwel paġna ta' Dok SM1) li kienet konklużjoni gratwita dik tal-attur li l-lista mħejjija minnu (il-konvenut) ta' pagamenti magħmula b'ċekkijiet tirrifletti l-pagamenti kollha li saru minnu, cioe` li ma kienx għamel pagamenti oħra fi flus kontanti.

- Isostni wkoll li mid-dokumenti li esebixxa jirriżulta li attwalment kien ħallas lill-attur is-somma kumplessiva ta' **<u>Lm72,065.20</u>**. (Dan meta

skont il-parti t'isfel tal-ewwel paġna ta' Dok SM1 il-valur tal-merkanzija importata, wara li jitnaqqas il-valur tal-oġġetti li l-attur ħa lura, jammonta għal Lm60,717, u allura skont hu ħallas lill-attur iktar minn dak li kien dovut).

**PROVI:**

6. **L-attur Sergio Manche**, fl-affidavit[1] tiegħu spjega li xogħlu hu li jimporta l-*household goods* għas-suq lokali, u li jbiegħhom sija bħala *retailer* mill-ħanut tiegħu stess bl-isem "*Tabletop*" f'South Street, il-Belt, u sia bħala *wholesaler* lil diversi ħwienet f'Malta. Spjega wkoll li l-konvenut, li kellu ħanut fiż-Żejtun minn fejn kien ibiegħ ukoll *household goods,* kien avviċinah xi ħdax-il sena qabel u qallu li kien interessat mhux biss li jieħu dan ix-xogħol biex ibiegħu bħala *retailer* mill-ħanut tiegħu imma anke biex hu stess ibiegħ lil ħwienet oħra bħala *wholesaler*. Kompla jgħid li kienu laħqu arranġament fis-sens li hu (l-attur) jordna x-xogħol li l-konvenut stess ikun għażel, hu (l-attur) ikun responsabbli għall-ħlas mas-suppliers ta' barra, u l-konvenut imbagħad kien iħallsu akkont. Qal li dan l-arranġament kienu attwawh u kienu anke jsiefru u jmorru fieri flimkien.

7. Xehed li eventwalment il-konvenut ma riedx ikompli b'dan in-negozju, u allura meta ġew biex jagħlqu l-pendenzi ta' bejniethom l-istess konvenut ippreparalu prospett tal-pagamenti li kien għamel, liema

[1] Affidavit ta' Sergio Manche, maħluf 09.06.2006, Dok SM1, fol 17-21

prospett huwa esebit bħala **l-ewwel paġna ta' Dok SM1**[2]. Spjega li tali prospett sar għall-ħabta ta' nofs is-sena 2002. Kif wieħed jista' jara, dan il-prospett huwa maqsum f'żewġ partijiet: (i) il-parti ta' fuq u (ii) l-parti t'isfel. Huwa jirrimarka li l-parti ta' fuq aktarx inkitbet mill-konvenut Tony Cassar stess, filwaqt li l-parti t'isfel aktarx inkitbet min-neputi tiegħu Kevin Buhagiar.


Dok SM1
4

CHECKS PAID TO SERGIO

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| NO 05 | BOV | £m 15000 16508469014 | DATE 3-3-99 | (11) | ✓ | O.K. |
| " 25 | BOV | £m 3000 16508469014 " | 27-9-99 | (12) | ✓ | O.K. |
| " 21 | BOV | £m 3000 16506943024 | 6-7-97 | (7) | ✓ | O.K |
| " 44 | BOV | £m 6000 16506943024 | 1-12-97 | (8) | ✓ | O.K. |
| " 69 | BOV | £m 6000 " | 1-6-98 | (9) | | ?? ✓ |
| " 87 | BOV | £m 3000 16506943024 | 30-9-98 | (10) | | O.K. |
| " 183 | BOV | £m 1000 " | 5-8-96 | (4) | | ?? ✓ |
| " 203 | BOV | £m 3000 " | 7-9-96 | (5)A | | ?? ✓ |
| " 289 | BOV | £m 5000 " | 1-4-97 | (5)B | Presented By Tony | ✓ |
| " 56 | HSBC | £m 5132 004015071159 | 5-3-96 | (2) | ✓ | O.K. |
| " 18 | HSBC | £m 2000 004015071159 | 21-11-95 | (1) | ✓ | |
| " 80 | HSBC | £m 4000 " | 27-7-96 | (3) | | ?? ✓ |
| " 106 | HSBC | £m 5000 " | 9-1-97 | (6) | | |

Total = £m 51,132

Sergio Notes – total – "Imports" Lm 96,551 ✓
Goods Returned
To stores – total "Store" Lm 21,032 ✓
Goods taken by Sergio "Table Top" Lm 14,802 ✓
Lm 60,717

Tony paid Sergio Lm 51,132

Total left Lm 9 585

---
2 Dok SM1, fol 4 u 5

8. Fuq in-naħa ta' fuq ta' dan id-dokument, tidher lista ta' pagamenti taħt l-intestatura "*Checks paid to Sergio*" relattivi għall-perjodu 1995 sa 1999. L-attur qal li wara li l-konvenut għaddielu l-imsemmi prospett huwa vverifika l-pagamenti indikati minnu u rriżultalu li dak relattiv għaċ-ċekk tal-HSBC (numru 106) datat 9 ta' Jannar 1997 fl-ammont ta' Lm5,000 ma sabux "*la fid-deposits tiegħi, u lanqas fil-bank statements tiegħi".* Qal li għalkemm talab lill-konvenut biex iġiblu prova ta' tali pagament ta' Lm5,000 billi jġiblu *cheque image* tal-pagament quddiem u wara, dan baqa' qatt ma ppreżentahulu u għalhekk ma setax jaċċetta li huwa ħallsu tali ammont. Għaldaqstant, għalkemm fuq il-parti ta' fuq tal-prospett hemm indikat li l-konvenut ħallas lill-attur is-somma totali ta' <u>Lm51,132</u>, l-istess attur naqqasha b'Lm5,000 għaliex skont hu l-pagamenti li għamel il-konvenut b'ċekkijiet kienu jammontaw invece għal <u>Lm46,132</u>.

9. L-attur jgħaddi mbagħad biex jispjega l-parti t'isfel tal-prospett. Huwa jaqbel li fil-fatt il-merċa kollha li huwa kien ikkonsenja lill-konvenut, kellha l-valur ta' Lm96,551 (kif indikat fuq il-prospett). Jaqbel ukoll li minnha kien ħa lura merċa bil-valur ta' Lm21,032 u merċa oħra bil-valur ta' Lm14,802, b'dan li għalhekk jiġi li l-valur tal-merċa li baqgħet għand il-konvenut kellha valur ta' <u>Lm60,717</u>.

10. Skont il-prospett tal-konvenut għalhekk, il-bilanċ dovut lill-attur dak iż-żmien (2002) kien ta' <u>Lm9,585</u> (Lm60,717 – Lm51,132).

11. Skont l-attur invece, il-bilanċ dovut kien ta' <u>Lm14,585</u> (Lm60,717 – Lm46,132) minħabba li, kif spjegat minnu stess, il-pagament ta' Lm5,000 relattiv għaċ-ċekk ta' Lm5,000 datat 9 ta' Jannar 1997 qatt ma wasallu. L-attur kompla jgħid li l-konvenut eventwalment għamel seba' pagamenti ta' Lm500 il-wieħed fi flus kontanti fil-perjodu bejn id-19 ta' Ottubru 2002 u t-22 ta' Lulju 2005, liema pagamenti kien jibgħathomlu man-neputi tiegħu Kevin Buhagiar. L-attur ippreżenta prospett tal-bilanċ pretiż minnu ta' Lm11,085 li jinsab esebit bħala **t-tieni paġna ta' Dok SM1**.


5
TOTAL DUE Lm14,585
(KEVIN) PAID CASH 19/10/02 500
BAL Lm14,085
(KEVIN) PAID CASH 28/12/02 500
BAL Lm 13 585
(KEVIN) PAID CASH 23/7/03 500
Lm 13,085
(KEVIN) PAID CASH 20/12/03 500
Lm 12,585
(KEVIN) PAID CASH 27/4/04 500
Lm 12.085
(KEVIN) PAID CASH 22/12/04 500
Lm 11,585
(KEVIN) PAID CASH 22/07/05 500
Lm 11,085

12. Qal li wara li l-konvenut għamel l-aħħar pagament ta' Lulju 2005 beda jissikkah biex iħallas il-kumplament, iżda qal li l-konvenut qallu li

ladarba ma kien hemm l-ebda kitba bejniethom allura ma kellu jaghtih xejn.

13. Finalment jagħmel referenza għar-risposta ġuramentata tal-konvenut, fejn l-istess konvenut qal li l-attur naqas jieħu in konsiderazzjonijiet is-segwenti pagamenti li saru permezz ta' ċekkijiet u flus kontanti:

| | |
|---|---|
| 21.11.1991 (ċekk) | Lm2,000.00 |
| 01.04.1997 (ċekk) | Lm5,000.00 |
| 30.09.1998 (ċekk) | Lm3,000.00 |
| 09.10.1995 (kontanti) | Lm 58.37 |
| 24.02.1996 (kontanti) | Lm1,124.50 |
| 28.02.1997 (kontanti) | Lm9,000.00 |
| 03.03.1998 (kontanti) | Lm9,250.33 |

14. L-attur pero` ma jikkontestax il-hlasijiet fl-ammonti ta' Lm2,000, Lm5,000 u Lm3,000 magħmula biċ-ċekkijiet datati 21.22.1991, 01.04.1997 u 30.09.1998 rispettivament. Dawn iċ-ċekkijiet effettivament huma elenkati fuq il-parti ta' fuq tal-prospett tal-konvenut (**l-ewwel paġna ta' Dok SM1**) u l-attur jenfasizza li huwa fil-fatt jikkonkferma l-ħlas taċ-ċekkijiet kollha elenkati fuq tal-prospett ħlief għal dak ta' Lm5,000 datat 09.01.1997 li diġa għamel referenza għalih. Għal dak li jirrigwarda ħlas fi flus kontanti pero`, l-attur isostni li rċieva biss seba'

pagamenti ta' Lm500 il-wieħed minn Ottubru 2002 sa Lulju 2005 (cioe` dawk li jirreferi għalihom fit-**tieni paġna ta' Dok SM1**) u ma jirrikonoxxix il-pagamenti fi flus kontanti li jissemmew fir-risposta ġuramentata[3].

15. **Kevin Buhagiar**, (in-neputi tal-konvenut) fix-xhieda tiegħu tat-22 ta' Marzu 2007[4] spjega li meta kellu madwar ħmistax-il sena kien imur jgħin lil żijuh il-konvenut fil-ħanut tal-fajjenza li kellu ż-Żejtun. Ikkonferma li l-kitba fuq il-parti t'isfel tal-prospett tal-konvenut **(l-ewwel paġna ta' Dok SM1**) hija tiegħu (ta' Kevin Buhagiar). Għalkemm ma għarafx ta' min hija l-kitba fuq il-parti ta' fuq, qal li jista' jkun li d-dokument tahulu zijuh. Xehed li darba minnhom kien iltaqa' mal-attur f'tas-Sliema u zijuh ma kienx hemm.

> "*Bagħtni z-ziju b'xi karti. Sergio kien iċċekkjahom u konna ktibna x'karti ma sibniex u x'bilanċ kien fadal. Jista' jkun illi d-dokument kien ġie bih Sergio…jista' jkun li d-dokument kien tahuli z-ziju u ma' Sergio konna ċċekkjajna u mmarkajna x'kien ok u le. ….Nikkonferma li l-bilanċ ħriġtu jiena skont fuq li qalli Sergio wara li naqqast il-"goods returned to stores" u dawk li marru fil-ħanut tat-Tabletop li kien ta' Sergio……Il-bilanċ ta' Lm9,585 kien il-bilanċ illi Tony Cassar kien għad fadallu jagħti lis-sur Manche. Dan konna ħriġnih mill-karti li kien hemm. Rigward il-lista ta' pagamenti ta' Lm500 il-wieħed fit-tieni paġna tad-dokument ngħid li z-ziju kien jagħtini l-flus Lm500 cash kull darba u ngħaddihom lis-sur Manche*".

F'xhieda sussegwenti tal-20 ta' Ġunju 2007[5] ikkonferma li l-ewwel paġna ta' Dok SM1 kien tahielu zijuh u li l-kitba fuq il-parti ta' fuq hija fil-fatt ta' zijuh; u li imbagħad meta ltaqa' mal-attur Sergio Manche kompla

---

[3] Għalkemm f' xiehda sussegwenti (tad-19.05.2010) qal li jista' jkun li l-pagament ta' Lm58.27 fil-fatt sar: fuq ir-riċevuta relattiva li ppreżenta l-konvenut (fol 56) hemm indikat li l-ħlas sar b'ċekk

[4] Fol 27-28

[5] Fol 32-33

jikteb fuq il-karta hu. Qal li s-somma ta' Lm9,585 kien ħadimha l-attur fuq dokumentazzjoni li kellu f'idejh. Ippreċiża li hu ma kellu l-ebda prokura mingħand il-konvenut biex jorbot l-istess konvenut biex jgħid lil Manche li dik kienet is-somma li kellu jagħti.

16. **Il-konvenut Tony Cassar** fl-affidavit tiegħu[6] xehed illi b'kollox huwa ħallas lill-attur is-somma kumplessiva ta' Lm72,065.20. Huwa ppreżenta prospett f'dan ir-rigward li jinsab esebit a fol 51.

[6] Affidavit tal-attur, maħluf 08.01.2008, fol 47-49

51

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 /11 / 1995 | PAID | LM 4000 | CASH | | | |
| 21 / 11 /1995 | PAID | LM 2000 | CHEQUE NO | : 18 | MID MED | ( CON ) |
| 05 / 03/ 1996 | PAID | LM 5132 | CHEQUE NO | : 56 | MID MED | ( CON ) |
| 05 / 08 / 1996 | PAID | LM 1000 | CHEQUE NO | : 183 | BOV | ( CON ) |
| 07 / 09 / 1996 | PAID | LM 3000 | CHEQUE NO | : 203 | BOV | ( CON ) |
| 01 / 04 / 1997 | PAID | LM 5000 | CHEQUE NO | : 289 | BOV | ( CON ) |
| 06 / 07 / 1997 | PAID | LM 3000 | CHEQUE NO | : 21 | BOV | ( CON ) |
| 01 / 12 / 1997 | PAID | LM 6000 | CHEQUE NO | : 44 | BOV | ( CON ) |
| 01 / 06 / 1998 | PAID | LM 6000 | CHEQUE NO | : 69 | BOV | ( CON ) |
| 30 / 09 / 1998 | PAID | LM 3000 | CHEQUE NO | : 87 | BOV | ( CON ) |
| 03 / 03/ 1999 | PAID | LM 5000 | CHEQUE NO | : 05 | BOV | ( CON ) |
| 27 /09 / 1999 | PAID | LM 3000 | CHEQUE NO | : 25 | BOV | ( CON ) |
| | TOTAL | LM46,132.00 | | | | |
| 18 /10 / 2002 | PAID | LM 500 | CASH | | | ( CON ) |
| 28 /12 / 2002 | PAID | LM 500 | CASH | | | ( CON ) |
| 07 /06 / 2003 | PAID | LM 500 | CASH | | | ( CON ) |
| 29 /12 / 2003 | PAID | LM 500 | CASH | | | ( CON ) |
| 27 / 04 /2004 | PAID | LM 500 | CASH | | | ( CON ) |
| 22 /12 / 2004 | PAID | LM 500 | CASH | | | ( CON ) |
| 22 /07 / 2005 | PAID | LM 500 | CASH | | | ( CON ) |
| | TOTAL | LM3,500.00 | | | | |
| * 09 /10 / 1995 | PAID | LM 58.37 | MID MED CASH | NOT CONFIRMED | | |
| * 24/ 02 / 1996 | PAID | LM 1124.50 | CASH | NOT CONFIRMED | | |
| * 28 /02 / 1997 | PAID | LM 9000 | CASH | NOT CONFIRMED | | |
| * 25 /06 / 1997 | PAID | LM 3000 | CASH | NOT CONFIRMED | | |
| * 03 /03 / 1998 (10) | PAID | LM 9250.33 | CASH | NOT CONFIRMED | | |
| | TOTAL | LM 22,433.20 | | | | |

TOTAL IN ALL LM 72,065.20

17. Fir-rigward ta' kull pagament li jidher indikat fuq il-prospett, il-konvenut ippreżenta riċevuti fiskali/ riċevuti mhux fiskali/ invoices / *cheque images* relattivi[7]. (Jiġi ppreċiżat li fir-rigward tal-aħħar entratura (Lm9250.33) ir-riċevuta relattiva hija datata 3 ta' Ottubru 1998 mhux 3 ta' Marzu 1998 kif indikat fuq il-prospett).

[7] Fol 52-76

18. Fil-kontro-eżami tiegħu tat-12 ta' Frar 2009[8] huwa xehed dwar dan il-prospett. Spjega li fejn hemm indikat "*Cash not confirmed*" dan kien għaliex l-attur ma bediex jaqbel li huwa kien ħallsu tali ammonti. Dwar l-ewwel żewġ pagamenti indikati fuq il-prospett (it-tnejn tal-21.11.1995) spjega li dakinhar kien ħallas lill-attur Lm4000 permezz ta' flus kontanti[9] u wkoll Lm2000 permezz ta' ċekk. Dwar ir-riċevuta datata 3 ta' Ottubru 1998 fl-ammont ta' Lm9250.33 sostna li proprju f'dik il-ġurnata kien għadda tali pagament ta' Lm9250.33 fi flus kontanti, u dan wara li tlett ijiem qabel, fit-30 ta' Settembru 1998 kien ħallas Lm3000 permezz ta' ċekk. Mistoqsi għaliex ma' ammont daqshekk sostanzjali ta' Lm9250 kellu jżid tlieta u tletin ċenteżmu (33c), qal li dawn kienu parti minn kont. Qal li kien l-attur stess li kien jinsisti li ma jħallsux dejjem b'ċekk. Ġie suġġerit lilu li qabel is-sena 2002 meta kien jibgħat pagamenti ta' Lm500 il-wieħed man-neputi tiegħu, qatt ma ħallas fi flus kontanti. Wieġeb "*Naf li ħallastu żgur għax hemm l-irċevuti*". Sostna li "*mhux talli m'għandix intih lil Sergio, pero` għandu jagħtini hu*".

19. F'kontro-eżami sussegwenti tas-17 ta' Ġunju 2009[10] qal li sar jaf li għandu jieħu mingħand l-attur u mhux jagħti lill-attur minn meta beda jfittex ir-riċevuti, għalkemm meta ppreżenta r-risposta ġuramentata kien għadu ma jafx kemm. Dwar l-entraturi li jidhru fuq il-prospett a fol 51 li

[8] Fol 102-104
[9] li r-riċevuta relattiva ta' dan il-ħlas tinsab a fol 76
[10] Fol 106-108

għandhom in-notament "*cash not confirmed*" aċċenna għall-fatt illi għalkemm mhux qed jaqbel ma' tali ammonti l-attur, huwa ppreżenta r-riċevuti relattivi. Enfasizza li "*Mhux minnu illi jiena qabel bdejt nagħmel il-pagamenti ta' ħames mija (Lm500) fix-xahar permezz tan-neputi dejjem ħallastu b'ċekk*".

20. In segwitu għax-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-konvenut **reġa' xehed l-attur Sergio Manche'** fis-16 ta' Diċembru 2009[11]. Huwa eskluda "*bl-aktar mod assolut*" li qatt tħallas pagamenti fi flus kontanti mill-konvenut. Mid-dokumenti esebiti mill-konvenut huwa ġie muri partikolarment dawk ir-riċevuti a fol 52, 54, 57, 58, 59, 60, 61, 62, 63, 65 u 67. Għal intendiment aħjar, din il-qorti qegħda telenka l-imsemmija riċevuti bl-ammont relattiv tagħhom hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Fol 52 | 03/10/1998 | Lm9250.33 |
| Fol 54 | 28/04/1997 | Lm9000.00 |
| Fol 57 | 22/07/2005 | Lm 500.00 |
| Fol 58 | -- /12/2004 | Lm 500.00 |
| Fol 59 | 27/04/2004 | Lm 500.00 |
| Fol 60 | 29/12/2003 | Lm 500.00 |
| Fol 61 | 07/06/2003 | Lm 500.00 |
| Fol 62 | 28/12/2002 | Lm 500.00 |
| Fol 63 | 18/10/2002 | Lm 500.00 |
| Fol 65 | 01/10/1999 | Lm3000.00 |
| Fol 67 | 03/03/1999 | Lm5000.00 |

21. Huwa kkonferma li dawn huma kollha riċevuti miktubin bil-kaligrafija tiegħu. Għalkemm ikkonferma li r-riċevuti a fol 57, 58, 59, 60,

[11] Fol 110-112

61, 62 u 63 jirrappreżentaw pagamenti li saru fi flus kontanti (cioe` dawk ta' Lm500 il-wieħed) sostna li l-oħrajn huma relattivi għal pagamenti li saru permezz ta' ċekkijiet. B'referenza għar-riċevuta a fol 52 (fl-ammont ta' Lm9250.33) sostna li din hija riċevuta ta' xi ċekkijiet.

22. Reġa' xehed fl-4 ta' Frar 2010[12] fejn b'referenza għall-prospett li jinsab **fl-ewwel paġna ta' Dok SM1** enfasizza li l-ammont totali li l-konvenut ħallsu permezz ta' ċekkijiet huwa ta' Lm46,132 u mhux Lm51,132 (peress li kif kien diġa spjega` anterjorment, l-allegat pagament ta' Lm5000 tramite ċekk bin-numru 106 fil-fatt qatt ma sar). Huwa sostna li qatt ma rċieva cash mingħand il-konvenut, u spjega li r-riċevuti jirrappreżentaw ħlas b'ċekkijiet:

> "*Ma naċċettax illi rċevejt l-aħħar 5 pagamenti li jidhru fuq id-dokument a fol 51 tal-proċess. Sar biss l-ammont tal-ewwel pagament Lm58.37c. Dan l-ewwel pagament tal-aħħar ħamsa li jidhru……ġieli talabni riċevuti biex jagħti lill-accountant biex ikun jidher illi biegħ. Ma kinitx issir spiss pero` naf li ġieli saret…..Il-kaligrafija fid-dokument a fol 54 tal-proċess hija kaligrafija tiegħi. Id-data tagħha hija 28 ta' April 1997….Il-firma hija tiegħi pero` ma jirriflettix li jiena rċevejt Lm9,000. Jiena ma rċevejt qatt cash. Din tkun inħarġet wara xi żewġ pagamenti b'cheque biex ikollu x'juri l-partner tiegħu. Qed niġi muri d-dokument a fol 65 tal-proċess, dan id-dokument huwa b'kaligrafija tiegħi nħid illi lanqas dawn ma huma relatati ma' xi pagament cash. Qatt ma rċevejt pagamenti cash. Qed niġi muri d-dokument a* ***fol 52*** *tal-proċess u ngħid li ma nafx ta' min hi l-firma fuq dan id-dokument. M'hijiex il-firma tiegħi. Din ir-riċevuta tkopri cheque numru 69 tal-BOV ta' Lm6,000, cheque numru 87 tal-BOV għal Lm3000 u Lm250.33c prezz ta' shades, miktubin minnu stess. Qed nesebixxi d-dokument relattiv li juri żewġ invoices tal-ammont tax-shades. Id-dokument qed jiġi mmarkat BBS1, 2, u 3*".

[12] Fol 114-116




23. Reġa' xehed fid-19 ta' Mejju 2010[13] u reġa' ġie muri l-prospett a fol 51. Qal li jikkontesta l-entraturi f'dan id-dokument li huma mmarkati bħala li tħallsu "cash" ħlief għal dawk il-pagamenti li kien iwassal in-neputi tiegħu (is-seba' pagamenti ta' Lm500 il-wieħed).

> "*Jien ma naqbilx ukoll mal-entry l-ewwel waħda fil-lista ta' Lm4000 li qed jgħid li ħallsu cash, jiena ma naqbilx. Qatt ma tħallast cash dejjem b'cheque u dan ħlief għall-pagamenti li kien iwassal in-neputi tiegħu*".

24. Fir-rigward tal-ammont ta' Lm58.37 (fol 56) jgħid li jista' jkun li dan tħallas. Fil-fatt fuq tali invoice datata 9 ta' Ottubru 1995 hemm indikat li l-ħlas sar b'ċekk tal-Mid-Med Bank. Mistoqsi għaliex fl-invoices l-oħra

[13] Fol 132-134

m'hemmx referenza għan-numru taċ-ċekkijiet irrisponda hekk:

> "*Qed niġi mitlub spjegazzjoni għalfejn ġialadarba fuq din l-invoice, jiena annotajt in-numru u d-data taċ-cheque u l-bank minn fejn maħruġ, għalfejn fl-invoices l-oħra li ħriġt jiena ukoll m'hemmx referenza għan-numru taċ-cheques, ġialadarba kif xhedt diġa jiena għidt illi qatt ma tħallast b'cash, jiena ngħid illi dawn l-invoices ikunu ħarġu fuq talba tal-istess sur Cassar meta ġieli qalli illi l-accountant tiegħu kien jitolbu illi jkollu spjegazzjoni ta' ammonti addizzjonali minħabba raġunijiet ta' taxxa eċċ. Jista' jkun illi d-dati li hemm fuq l-invoices ma jkunux effettivament id-dati li fiha tħallsu għas-sempliċi raġuni illi jekk hu kien irid ikopri perjodu partikolari, kien jgħidli għal liema partikolari kienu jirreferu l-invoices. Sussegwentement anke l-VAT receipts kienu joħorġu b'dati fittizji*".

25. F'xhieda oħra tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2010[14] mistoqsi dwar ir-riċevuta datata 3 ta' Ottubru 1998 a fol 52 fl-ammont ta' Lm9250.33 xehed li din inkitbet minnu u mill-konvenut iżda l-firma mhix tiegħu. Sostna li l-flus ikun irċevihom f'ċekkijiet u mhux cash:

> "*Il-flus inkun irċevejthom f'ċekkijiet, kif ġia spjegajt, mhux cash, u dawn inkun irċevejthom b'ammonti spezzettati. Kont ħriġt din il-karta biex hu juriha lil silfu*".

26. Reġa' insista li r-riċevuta tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru 69 (Lm6000) u 87 (Lm3000) u li l-ammont ta' Lm250.33 jirrappreżenta prezz ta' shades (skont id-dokument li ppreżenta fl-4 ta' Frar 2010, a fol 117). Qal li l-ewwel parti ta' dan id-dokument inkiteb mill-konvenut (fejn jidhru Lm6000, Lm180 u Lm70.33) inkitbet mill-konvenut u hu żied l-Lm3000 u t-total ta' Lm9250.33. (Dakinhar stess pero` l-konvenut ċaħad li l-kaligrafija fuq dan id-dokument hija tiegħu, qal li qatt ma rah qabel ma ġie ppreżentat il-qorti).

[14] Fol 138-140

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

27. L-attur, b'referenza għal **Dok SM1**, isostni li mill-ammont ta' Lm60,717 dovuti lilu mill-konvenut rappreżentanti valur ta' merkanzija, huwa ġabar mingħand il-konvenut Lm49,632 biss, u cioe`:

(a) Lm46,132 f'ċekkijiet[15] u

(b) Lm3,500 f'seba' pagamenti f'kontanti ta' Lm500 il-wieħed

u li allura jiġi li l-konvenut jonqsu jagħtih il-Lm11,085.

28. Il-konvenut da parti tiegħu, isostni li huwa ħallas lill-attur is-somma kumplessiva ta' Lm72,065.20:

(a) Lm42,132.00 f'ċekkijiet[16] ,

(b) Lm3,500 f'seba' pagamenti f'kontanti ta' Lm500 il-wieħed, u

(c) Lm26,433.20 oħra fi flus kontanti

u li għalhekk jiġi li huwa l-attur li huwa debitur tiegħu, u mhux hu tal-attur. In sostenn ta' dan huwa ppreżenta prospett redatt minnu stess a

[15] Cioe` ċ-ċekkijiet kollha indikati fil-parti ta' fuq tal-ewwel paġna ta' Dok SM1 (ħlief għall-aħħar wieħed nru 106 (Lm5000))

[16] Għalkemm skont il-prospett tal-konvenut a fol 51 huwa ħallas lill-attur total ta' **Lm42,132** f' ċekkijiet, skont il-parti ta' fuq tal-ewwel paġna ta' Dok SM1 (redatta mill-istess konvenut), huwa indika li ħallas lill-attur total ta' **Lm51,132** (li minnhom l-attur qed jaċċetta **Lm46,132** minħabba li skont hu iċ-ċekk numru 106 fl-ammont ta' Lm5000 datat 09.01.1997 qatt ma tħallas lilu.) Din il-qorti tosserva li fil-fatt dan iċ-ċekk numru 106 ma reġax ġie indikat fil-prospett a fol 51. Tosserva ukoll li ċ-ċekk numru 80 fl-ammont ta' Lm4000 datat 27.07.96 għalkemm indikat fl-ewwel paġna ta' Dok SM1 ma reġax ġie indikat fil-prospett a fol 51, avolja l-attur aċċetta li rċieva tali ammont.

**fol 51**, (skont liema prospett huwa għamel diversi pagamenti sostanzjali fi flus kontanti) u r-riċevuti/ invoices/ *cheque images* relattivi għal kull pagament indikat fuq l-istess prospett.

29. L-ewwel Qorti bdiet biex qieset li l-partijiet qed jaqblu li l-valur totali tal-merkanzija li ħa l-konvenut kien ta' Lm96,551 u li minnhom l-attur ħa lura oġġetti b'kemm jiswew Lm14,802 u Lm21,031, b'dan li l-valur rimanenti kien ta' Lm60,717. Hija kkonkludiet li kien ġie pruvat għas-sodisfazzjoni tagħha li l-konvenut effettivament ħallas lill-attur is-somma totali ta' Lm72,065.20 u li allura l-attur ma fadallux bilanċ x'jirċievi. Irriteniet illi l-attur ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi l-kitba u firem fuq l-istess riċevuti huma tiegħu. Qalet ukoll li jirriżulta li l-konvenut kien jagħmel pagamenti regolarment kemm permezz ta' ċekkijiet u kemm permezz ta' flus kontanti. Għalhekk ikkonkludiet li l-attur m'għandux raġun meta jsostni li fadallu bilanċ x'jirċievi.

30. Li donnu sfuġġielha pero` hu l-fatt li l-attur ċaħad bil-qawwa kollha li l-konvenut qatt għaddielu pagamenti fi flus kontanti (ħlief għas-seba' pagamenti ta' Lm500 il-wieħed bejn Ottubru 2002 u Lulju 2005). Donnu sfuġġielha wkoll il-fatt li fir-rigward tar-riċevuti li jirreferu għall-ammonti li fuq il-prospett a fol 51 huma indikati bħala ħlasijiet li saru fi flus kontanti, l-attur sostna li dawn effettivament jirreferu għal pagamenti li kienu diġa' saru b'ċekk jew b'ċekkijiet u mhux flus kontanti. Dan qed jingħad għaliex

għalkemm kien hemm xhieda sostanzali fir-rigward hija m'għamlitx l-iċken aċċenn għaliha.

31. Din il-qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha li jinsabu fl-atti sabiex tara liema verżjoni hija l-iktar waħda verosimili. Il-vertenza ewlenija, li ġiet kombattuta bil-qawwa kollha quddiem l-ewwel Qorti (għalkemm stranament l-ewwel Qorti assolutament ma kkonsidrathiex) tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-konvenut għamilx ħlasijiet fi flus kontanti (apparti dawk is-seba' pagamenti ta' Lm500 il-wieħed). Il-konvenut isostni li kien l-attur stess li talbu biex ma jħallsux dejjem permezz ta' ċekkijiet iżda li jħallsu wkoll fi flus kontanti; l-attur min-naħa tiegħu jsostni li l-konvenut dejjem ħallsu permezz ta' ċekkijiet biss (apparti s-seba' pagamenti ta' Lm500 il-wieħed).

32. **Fil-fehma ta' din il-qorti wkoll l-attur ma rnexxielux jipprova t-teżi tiegħu.** Tagħmel aċċenn partikolari għas-segwenti:

(a) Ir-riċevuti li skont l-attur huma riċevuti ta' ħlasijiet li saru permezz ta' ċekkijiet (u li skont il-konvenut huma riċevuti ta' ħlasijiet li saru fi flus kontanti) fihom dikjarazzjoni li l-pagament indikat fuqhom sar fid-data indikata fuq l-istess riċevuta. Madanakollu d-dati fuq tali ċekkijiet huma differenti mid-dati taċ-ċekkijiet.

(b) Fuq tali riċevuti m'hemm l-ebda referenza għan-numri taċ-ċekkijiet. Kien fl-interess tal-attur li jindika dan.

(c) L-attur stess huwa inkonsistenti dwar liema huma ċ-ċekkijiet li allegatament jirriferu għalihom tali riċevuti. Hekk per eżempju filwaqt li fix-xhieda tiegħu sostna li r-riċevuta datata 3 ta' Ottubru 1998 a fol 52 fl-ammont ta' Lm9250.33 tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru 69 (Lm6000) u 87 (Lm3000) u li r-rimanenti ammont ta' Lm250.33 jirrappreżenta prezz ta' shades[17], imbagħad fir-rikors tal-appell tiegħu jsostni li r-riċevuta tad-Lm9250.33 hija relattiva għaċ-ċekkijiet bin-numru 183 (Lm1000), 203 (Lm3000), 289 (Lm5000) u bilanċ ta' Lm250.33 "*biex jissetilja spejjeż ta' vjaġġ ta' safar*" relatat man-negozju li kellhom".

(d) Il-fatt li fl-ewwel parti tal-ewwel paġna ta' Dok SM1 il-konvenut elenka lista ta' pagamenti li saru permezz ta' ċekkijiet, ma jeskludix li seta kien hemm pagamenti li saru fi flus kontanti.

(e) Għalkemm wara li saru l-konteġġi fl-2002, il-konvenut deher li aċċetta li kien debitur tal-attur u għamel seba' pagamenti ta' Lm500 il-wieħed, huwa spjega li kien meta sab ir-riċevuti li induna li fil-fatt kien ħallas iktar milli dak li kien dovut.

[17] (Dan skont hu abbażi tad-dokument li ppreżenta fl-4 ta' Frar 2010, a fol 117, li allegatament fiha notamenti magħmula mill-konvenut, u li l-konvenut da parti teigħu ċaħad li fuqha hemm il-kaligrafija tiegħu)

Ikkonsidrat dan kollu l-attur ma rnexxilux jipprova li l-konvenut huwa fil-fatt debitur tiegħu. Dan ghaliex il-konvenut ghamel prova kredibbli tal-hlas. Min jallega jrid jipprova (Artiklou 562 tal-Kap. 12). –"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*"; kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ara per ezempju **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995). F'dan il-kuntest wiehed irid ukoll jiftakar li kif qalet il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fis-sentenza li tat fl-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza **Xuereb et v. Gauci et** – "*Huwa pacifiku f`materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha : 1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; 2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".* Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet ***Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma***, Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001. Jinsab ravvisat ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **Farrugia v. Farrugia**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru, 1966, li "*il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lillohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili,*

*huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*". F'gudizzju civili infatti l-Qorti trid tiddeciedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); "*il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'*" – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).

Tenut kont ta' kollox ghalhekk din il-Qorti hija tal-istess fehma tal-ewwel Qorti li l-attur appellant ma rnexxielux jipprova skont il-ligi l-kreditu tieghu kontra l-appellat.

**<u>Decide:</u>**

33. Għal dawn il-motivi din il-qorti tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti in kwantu ċaħdet it-talbiet tal-attur (appellant).

34. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb